

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.9010 — JAB/Pret A Manger)
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2018/C 277/08)

1. Fil-31 ta' Luju 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- JAB Holdings B.V., li hija kkontrollata minn JAB Holding Company S.à r.l. (“JAB”, il-Lussemburgo),
- PAM Group Limited (“Pret”, ir-Renju Unit), ikkонтrollata minn fondi ġestiti minn Bridgepoint Advisers Limited.

JAB takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Għaqdiet, il-kontroll ta' Pret kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- JAB: JAB għandha interassi f'marki tat-te, marki tal-kafe (inklużi Jacobs, Douwe Egberts u Tassimo) u negozji tal-ħobż, kafe, xarbiet mhux alkoħoliċi u doughnuts. JAB għandha interassi ta' kontroll fil-kumpaniji li ġejjin attivi fis-setturi tal-bejjgħ bl-imnut tal-ikel u x-xorb fiż-ŻEE: Krispy Kreme doughnuts, Espresso House, Baresso, Balzac Kafe, Coffee Company u 12oz Coffee Joint. JAB hija wkoll attiva fil-provvista bl-ingrossa ta' kafe u xarbiet oħra sħan fiż-ŻEE kollha.
- Pret: Pret hija bejjiegħ tal-ikel u x-xorb li toffri għażla wiesgħa ta' ikel u xorb inklużi sandwiches, ikel sħun, insalati, sopop, prodotti mħomija, snacks, frott frisk, meraq tal-frott u kafe organiċi. Pret għandha ħwienet fir-Renju Unit, Franzia, id-Danimarka, in-Netherlands u barra ż-ŻEE.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tīgħi dejjem speċifikata:

M.9010 — JAB/Pret A Manger

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
 Directorate-General for Competition
 Merger Registry
 1049 Bruxelles/Brussel
 BELGIQUE/BELGIË

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).